JINBIEGH 3d.

# L-IMSIDA

Vol. I Nru. 3 MARZU - APRIL, 1965

## IL-KUMITAT MADWAR L-ARĊISQOF



Sa mill-bidunett li l-ġurnal tagħna ġie fl-eżistenza tiegħu, mill-ewwel il-Board kellu kull inkuraġġiment, f'din il-ħidma ġdida, minnaħa ta' Mons. Arċisqof. Infatti kien Mons. Arċisqof li għoġbu jiftaħ il-kolonni ta' dan il-ġurnal tagħna bilkelma ta' l-awguri flimkien mal-Barka Pastorali tiegħu.

Għalhekk il-Board kien ilu bix-xewqa li jiltaqa' miegħu, jirringrazzjah u joffrilu l-ewwel kopja tal-gazzetta tagħna. Okkażjoni sabiħa ġiet meta Mons. Arċisqof ġie fil-Parroċċa tagħna nhar l-10 ta' Jannar biex jagħmel il-Griżma lil madwar 160 tifel u tifla Misidjani.

Il-Board ħataf din l-okkażjoni u wara l-funzjoni, kellu laqgħa sabiħa u sempliċi ma' Mons. Arċisqof fl-Oratorju tal-Knisja Parrokkjali. Beda d-Direttur Spiritwali, Dun Ġużepp, biex tkellem, u f'indirizz qasir fisser issentimenti tal-Board lil Mons. Arċisqof. Wara, l-Arċisqof feraħ lill-Board għax-xogħol tiegħu u inkuraġġieh biex ikompli bil-kuraġġ u bid - determinazzjoni ta' żgħażagħ, hekk kif żgħażagħ huma l-membri kollha tal-Board.

Wara, Dun Ġużepp ippreżenta lill-membri tal-Board lill-Arċisqof u lkoll resqu biex ibusulu idejh; l-ewwelnett l-Editur, li offrielu wkoll il-kopji tal-ġurnal li kienu ħarġu sa dak in-nhar.

Fl-aħħarnett din il-ġrajja importanti fil-ħarġa tal-ġurnal tagħna għalqet billi Mons. Arċisqof qagħad għar-ritratt flimkien mal-Board Editorjali.

**Ritratt ta' fuq:** (mix-xellug għal-lemin): **A. Catania, V. Vassallo, P. Sciberras, Dun Ġużepp, Mons. Arċisqof, J. Friggieri, Ch. Casha, L. Bartolo u J. Brincat.**



**Ritratt t'isfel: L-Edtur, is-Sur J. Friggieri qed jippreżenta l-ġurnal lil Mons. Arċsqof.**

**STOP PRESS**

**98 SENA PARROĊĊA**

**Fit-2 ta' Marzu ta' din is-sena l-IMSIDA tagħlaq 98 sena minn mindu saret Parroċċa. Għalhekk is-sena 1967 sejra tkun għall-Parroċċa tagħna sena ċentinarja. Meta ser naħsbu bis-serjetà fuq din id-data? Ta' min jinnota li l-kumitat taċ-ċentinarju għadu ma twaqqafx. Meta ser isir? Meta jkun tard wisq, jew forsi għad baqa' ħafna żmien?**

*(Meħud mill-artiklu: "L-Imsida fl-Imgħoddi")*

# DJARJU PARROKKJALI

## IMGHODDI

### DIĊEMBRU - JANNAR

8 ta' Diċ. Fil-Parroċċa saret il-festa tal-Kunċizzjoni. Fis-Santwarju ta' Loreto filgħodu ġiet iċċelebrata Quddiesa bir-Rit Grieg mill-Papas tal-Griegi Vito Borgia.

10 ta' Diċ. Il-Wisq Rev. Kappillan Dun Anton Pace mexxa pellegrinaġġ *aux flambeaux* għas-Santwarju ta' Loreto fejn kienet qed tiġi ċelebrata l-festa titulari.

20 ta' Diċ. Il-Harġa Speċjali tal-gazzetta *L-Imsida* ġiet imfaħħra ħafna mill-Misidjani, u dan kien ta' inkuraġġiment kbir għall-Board Editorjali.

24 ta' Diċ. Proċessjoni bil-Bambin mit-tfal tal-Mużew.

25 ta' Diċ. Fil-Parroċċa, fis-Santwarju ta' Loreto u f'ta-Fatima saru l-funzjonijiet tal-Milied.

1 ta' Jan. Bidu tas-sena l-ġdida. Fis-Santwarju ta' Loreto saret il-premjazzjoni tat-tfal tal-Mużew.

4, 5 u 6 ta' Jan. Fil-Parroċċa saru l-Kwaranturi solenni.

5 ta' Jan. Ftuħ tal-Catering School mill-Onorevoli Ministru Paris.

7 ta' Jan. L-ewwel laqgħa preliminari tal-Kumitat Ċiviku Msida/Pietà.

9 ta' Jan. Tħabbir tar-riżultat tal-kompetizzjoni tal-Milied imnedija mill-gazzetta *L-Imsida.*

17 ta' Jan. Fil-Każin tal-Banda Melita saret is-Seduta Ġenerali li fiha ġie elett il-Kumitat il-ġdid.

21 ta' Jan. Jum l-Isqof. Fil-knejjes kollha sar talb speċjali għal din l-okkażjoni. St. Joseph F.C. lagħbu friendly ma' Rovers United u ġew draw 1—1.

22 ta' Jan. Fiċ-Ċirkolu ta' l-Azzjoni Kattolika Piju XI bdew isiru debates interessanti ħafna. Numru sabiħ ta' ġuvintur attenda waqt li mistenni li n-numru jkun akbar.

## ĠEJJIENI

### MARZU - APRIL

1 ta' Marzu It-II jum tal-Karnival.

2 ta' Marzu It-III jum tal-Karnival. Anniversarju tal-Parroċċa ta' l-Imsida. L-Imsida l-lum tagħlaq 98 sena Parroċċa.

3 ta' Marzu Ras ir-Randan. Fil-Parroċċa u fis-Santwarju ta' Loreto ssir il-funzjoni tar-rmied.

7 ta' Marzu Fil-Parroċċa ssir il-festa tal-Via Sagra. Jippriedka l-Kappillan. Żebbuġ Rangers jiltaqgħu ma' St' Joseph għal-logħba tal-league.

### PRIEDKI TAR-RANDAN

8 sa 14 ta' Marzu Il-priedki jkunu għan-nisa. Jippriedka l-Kan. Dun Mikiel Saliba.

15 sal-21 ta' Marzu Il-priedki jkunu għax-xebbiet. Jippriedka Dun Karm Agius.

22 sat-28 ta' Marzu Il-priedki jkunu għall-ġuvintur. Jippriedka Patri Stiefnu Kappuċċin.

**Fis-Santwarju ta' Loreto:**

22 sat-28 ta' Marzu Il-priedki jkunu għan-nisa u għax-xebbiet. Jippriedka l-Kan. Dun Mikiel Saliba.

**Fil-Parroċċa:**

20 sas-27 ta' April Il-priedki jkunu għar-rġiel. Jippriedka Patri Vinċenz Portelli, O.P.

**Kunċizzjoni:**

22 sat-28 ta' Marzu Il-priedki jkunu għan-nisa. Jippriedka Patri Arkanġlu Kappuċċin.

14 ta' Marzu St. Joseph jiltaqgħu ma' Naxxar Lions għal-logħba tal-league.

19 ta' Marzu Festa tal-Patrijarka San Ġużepp, Patrun Universali tal-Knisja, titular tal-Parroċċa tagħna. Fil-Parroċċa ssir il-Quddiesa Kantata. Fis-Santwarju ta' Loreto ssir il-Vestizzjoni solenni ta' l-Abbatini.

4 ta' April St. Joseph jiltaqgħu ma' St. Patrick.

10 ta' April Hadd il-Palm. Fil-Parroċċa jsir it-Tberik tal-palm u taż-żebbuġ u l-kant tal-Passju.

7 ta' April Anniversarju tal-mewt ta' Monsinjur Innoċenzo Zammit.

14 ta' April Ħamis ix-Xirka. Fil-Parroċċa fl-4.00 p.m. issir il-Quddiesa tat-tfal. Fis-6.00 p.m. issir il-Quddiesa ta' l-Ewkaristija u wara espożizzjoni solenni. Fis-Santwarju ta' Loreto: Fis-6.00 p.m. Quddiesa solenni ta' l-Ewkaristija; ħasil ta' riġlejn l-appostli, u Espożizzjoni solenni. Viżti tas-Sepulkru. Fl-10.00 p.m. fil-Parroċċa u fis-Santwarju ta' Loreto ssir siegħa adorazzjoni predikata.

15 ta' April Il-Ġimgħa l-Kbira. Fil-Parroċċa fis-2.00 p.m. priedka tas-seba' kelmiet minn Dun Ġużepp Pace. Fit-3.00 p.m. fil-Parroċċa u fis-Santwarju ta' Loreto ssir il-funzjoni liturġika ,kant tal-Passju, Adorazzjoni tas-Salib u tqarbin.

16 ta' April Fl-10.00 p.m. fil-Parroċċa jsir it-tberik tal-Fonti tal-Magħmudija. Fil-11.00 p.m. fil-Parroċċa, fis-Santwarju ta' Loreto u ta' Fatima jsir it-tberik tan-nar u tal-blandun, qari tal-lezzjonijiet u Quddiesa tal-Glorja f'nofs il-lejl.

18 ta' April Il-Għid il-Kbir. Il-Bord Editorjali jixtieq lill-qarrejja, lill-kollaboraturi, ħbieb u benefatturi l-Għid it-tajjeb. St. Joseph F.C. jiltaqgħu ma' Żurrieq għal-logħba tal-league.

# STATISTIKA

### DIĊEMBRU u JANNAR

**TWELID**

Twieldu 12-il tifel u 7 bniet.

**ŻWIĠIJIET**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Charles Casha u Doris Gauci | 27. | 12. | 64 |
| Joseph Sciberras u Agnes Tanti | 27. | 12. | 64 |
| John Micallef u Salvina Zammit | 4. | 1 | 65 |
| Emmanuel Vella u Grace Debattista | 17. | 1 | 65 |
| Joseph Catania u Emilia Catania | 30. | 1. | 65 |

**IMWIET**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Debono Giovanna (68 sena) | 4. | 12. | 64 |
| Grima Jeanne Pierre (sentejn) | 7. | 12. | 64 |
| Brincat M. Anne (72 sena) | 8. | 12. | 64 |
| Orr Carmela (73 sena) | 15. | 12. | 64 |
| Templeman Nazarena (61 sena) | 17. | 12. | 64 |
| Camilleri Joseph (71 sena) | 18. | 12. | 64 |
| Caruana Paul (62 sena) | 2. | 1. | 65 |
| Cassola Edward (47 sena) | 4. | 1. | 65 |
| Williams Joseph (64 sena) | 16. | 1. | 65 |
| Cassar Parnis Matilde (88 sena) | 22. | 1. | 65 |
| Pullicino Joseph (72 sena) | 28. | 1. | 65 |
| Caruana Clotilde (66 sena) | 30. | 1. | 65 |
| Spiteri Vincent (43 sena) | 30. | 1. | 65 |


**SER TIŻBOGĦ? EJJA GĦAND**

**CARSONS PAINT CENTRE**

**MSIDA**




Fejn issib makna unika li tagħtik f'inqas minn minuta kull wieħed 'l fuq minn kull 1,000 kulur li inti tagħżel. Issib din iż-żebgħa: ...PLASTIC EMULSION - ENAMEL GLOSS EGGSHELL u UNDERCOATING, tal-Marka **ULTRALUX** kull ħin li trid, minn pinta sa gallun fil-kuluri kollha. ŻEBGĦA Ingliża u garantita mill-Good Housekeeping Institute.

**CARSONS PAINTS CENTRE**

**44, Ta' Xbiex Sea Front**

**Msida**

Tel. 1097

# PAĠNA GĦAN-NISA

*Minn MRS. CARMEN CARBONARO*

## L-ULIED

HAFNA ommijiet jifirħu u jkunu kburin għaliex uliedhom huma sbieħ, u dawn jiġu ammirati minn ħbiebhom u mill-qraba. Imma kemm huwa faċli li wiċċ sabiħ jitħassar mill-mard jew jinqered mill-mewt. Imma s-sbuħija tar-ruħ tat-tfal ma tinqeridx, ma tispiċċax, lanqas maż-żmien, għax dik hija għall-eternità. Wara l-magħmudija ġo fiha hemm l-immaġni t'Alla.

X'valur għandhom tifel jew tifla, uliedkom? Valur ta' iben jew bint Alla. Il-ġenituri għandhom dawn l-ulied mhux bħala proprjetà assoluta, tagħhom biss, imma huma fdati lilhom bħala depożitu, li huma jridu jerġgħu jagħtu 'l Alla wara li jrabbuhom sewwa kif jixtieq Hu.

Araw xi ħlewwa ta' kliem igħid Ġesù stess:

"Ħallu t-tfal jiġu għandi għaliex tagħhom hija s-saltna tas-sema".

"Min jilqa' t-tfal f'ismi jkun qed jilqa' lili stess".

X'konfort kbir dan għall-ġenituri, għall-omm, li tkun taf li kull tarbija li hija ġġib fid-dinja, u li hija trabbi għal Alla, u kif irid Alla, hija tkun qed tilqa' lil Alla stess! Mela x-xebbiet li għad iridu jsiru ommijiet, l-ommijiet, kemm għandhom joqogħdu attenti għal dan it-tagħlim fuq l-ulied, kemm għandhom ikunu jafu l-missjoni tagħhom nobbli, il-missjoni tagħhom ta 'edukatriċi ta' wliedhom, kemm għandhom jagħmlu mill-aħjar biex jirrendu ruħhom denji ta 'din il-vokazzjoni serja, u jidħlu għaliha bit-volontà soda li jagħmlu mill-aħjar, li jagħmlu d-dover tagħhom tajjeb.

U jekk l-omm tagħmel dan kollu, trabbi 'l uliedha kif imiss, hija jkollha żgur il-frott ta' din it-trobbija tajba tagħha, għaliex fil-kliem ta' wieħed għaref stess: "Jekk hija anki tkun mejta fil-qabar, u binha jew bintha, mitfugħin 'l hawn u 'l hemm mill-buffuri tal-ħajja, jiġu fil-perikolu li jitilfu l-fidi u l-kostumi tajba tagħhom, żgur li l-figura ħelwa ta 'l-omm tidher lil dan jew lil din u bil-qawwa kollha tiġbdu minn dan l-abbiss li jkun ser jaqa' fih. U b'hekk ma jintilifx".

"O ħabib divin tat-tfal żgħar, għinni biex jien nipprepara ruħi tajjeb għall-missjoni ta 'edukatriċi ta' wliedi, bien jiena ġurnata waħda nkun nista' niggwida tajjeb lill-uliedi, biex inkunu veri wlied tiegħek ukoll, kif tixtieq Int".

## IN MEMORIAM

Infakkru, b'għafsa ta' qalb, il-mewt, wara marda iebsa u qasira, ta' **Mary Thompson,** ta' 50 sena, li ġrat f'Morwell, Awstralja, fl-14 ta' Diċembru, 1964.

Ħalliet jibku t-telfa tagħha, lil żewġha Ġorġ, u lis-seba' wliedha fl-Awstralja, lil ħutha Bro. Michael, F.S.C., Johnny, Ġuża, Lucy, Anġlu u lil zijietha u kuġini ta' l-Imsida.

Agħtiha, Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.

B'tifkira għażiża ta' **Francis Scicluna** f'għeluq is-sena minn mewtu li ġrat fl-Imsida fit-12 ta' Marzu, 1964. Qatt minsi minn martu Mary.



B'tifkira għażiża ta' **Vinċenza Sciberras** fit-tieni anniversarju mill-mewt tagħha li ġrat fit-12 ta' Marzu, 1963. Qatt minsija mis-seba' wliedha, fosthom Madre Maria Sella ta' l-Ursolini, u bosta neputijiet.

Il-quddies kollu li jsir dak in-nhar fil-parroċċa ta' l-Imsida, kif ukoll fil-knisja ta' l-Ursolini jkun b'suffraġju għal ruħha.

Agħtiha, Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.

**G. GIORDANO**

**JEWELLER**

**Crystal Dealer**

**and**

**Repair of Watches**

***76, RUE D'ARGENS MSIDA***

**Res.: Dial 34527**

# Nifirħulhom



Fis-27 ta' Diċembru li għadda sar is-sagrament taż-żwieġ bejn is-Sur Charles Casha, membru tal-Board Editorjali tal-ġurnal tagħna, u s-Sinjurina Doris Gauci, ukoll mill-Imsida. Iż-żwieġ sar fil-Quddiesa u ċ-ċelebrant kien Dun Ġużepp Mifsud, li kien megħjun mill-abbati Joe, ħu l-għarusa.

L-għarusa ġiet imwassla fuq l-artal minn zijuha, is-Sur Alfred Farrugia. Ix-xhieda kienu s-Sur Joseph Casha u s-Sur Anthony Farrugia, filwaqt li ħu l-għarusa, John, għamel id-doveri ta' Bestman. Il-Bridesmaids kienu Miss Connie Gauci u Miss Josephine Casha.

Wara l-Quddiesa, li fiha ħafna tqarbnu flimkien mal-għarajjes, u wara li huma semgħu l-kelma taċ-ċelebrant kif ukoll irċevew il-Barka tal-Papa, l-għarajjes marru għar-reception fejn laqgħu l-ferħ ta' qrabathom u ħbiebhom.

Aħna nifirħulhom u nawgurawlhom.

KAŻIN TAL-BANDA MELITA

*Relazzjoni uffiċjali mibgħuta mis-Segretarju:*

Nhar il-Hadd, 17 ta' Jannar, fil-Każin tal-Banda Meta saret seduta ġenerali annwali li fiha ġie elett il-Kumitat Amministrattiv għas-sena 1965.

Is-Sur Charles Taljana qara r-rapport annwali li fih faħħar il-kumitat li kien jamministra matul is-sena 1964 għax-xogħol siewi li għamel għall-Każin. Wara, is-Sur Emmanuele Zerafa qara r-rapport finanzjarju. Wara saret l-elezzjoni tal-Kumitat il-ġdid, li ġie maħtur hekk:

*President:* Is-Sur J. M. Cassar Naudi; *Viċi President:* Sur Joseph Vella; *Segretarju:* Sur Charles Taliana; *Asst. Segretarju:* Sur Lino Bartolo; *Kaxxier:* Sur Emmanuele Zerafa; *Asst. Kaxxier:* Sur Victor Xiberras; *Direttur Ġenerali:* Sur Anton Camilleri; *Asst. Direttur:* Sur Emmanuele Catania; *Membri:* Sur L. Micalef, Sur P. Cassar, Sur C. Azzopardi, Sur E. Azzopardi ,Sur F. Paris, Sur E. Camilleri, Sur A. Mallia; *Rappreżentant tal - M.B.C.A.:* Sur E. Azzopardi; *Delegati għall-M.B.C.A.:* Sur J. M. Cassar Naudi u Sur L. Micallef; *Delegati għall-Kumitat Ċiviku:* Sur C. Taliana u Sur A. Mallia.

**IL-FAMUŻA DOLĊERIJA FL-IMSIDA**

**BUSY - BEE**

**tirċievi ordnijiet għal**

TIĠIJIET

MAGHMUDIJIET

PARTIES

"L-IMSIDA"
LEHEN IL-PARROĊĊA

*Abbonament għal sena:* Malta 2/6.
Barra 4/-
Stampat fl-"Empire Press" — Furjana

Vol. I Nru. 3 Marzu - April, 1965

# L-IMSIDA MINSIJA?

L-ISKOP tal-kumitat tagħna, bħal dak ta' kull kumitat inkarigat mill-pubblikazzjoni ta' gazzetta parrokkjali, huwa, kif għidna mill-bidu nett, it-titjib u l-progress f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' pajjiżna — l-Imsida! U issa, meta nħossu li dan il-ġurnal qiegħed jieħu postu fil-ħajja soċjali tal-Misidjani, issa huwa l-waqt li nibdew naqdu din il-missjoni patrijottika tagħna.

U fl-Imsida hemm ħafna f'hiex wieħed jagħmel titjib u progress. Daqqa ta' għajn madwarek malajr turik! U, biex nibdew, l-istat tal-biki li fih jinsab il-playing field ta' quddiem il-knisja. Bankijiet imkissrin, il-fence tal-ħaxix, f'ħafna postijiet, meqrud għal kollox, il-ħsara fil-bandli u logħob ieħor: dawn huma ftit mill-affarijiet li naraw b'għajnejna.

U mbagħad id-dawl: kemm ilhom jitolbu n-nies ta' Bordin, Qrajten, Clarence, Ursoline Sisters, Dock Street u Quarries Square? Donnu min hu responsabbli ma jridx jagħti widen. Issa li St. Luke's Road għandha d-dawl li kien jixirqilha, nistennew it-toroq ta' madwarha. U x'ingħidu għal Gwardamangia Hill? Biżżejjed wieħed igħid li Alla ħares kellu jinqala' bżonn li tmur l-isptar bil-lejl għax titwaħħax; tista' toqtol u tidfen, lanqas lampa waħda biss. U jekk hiex triq importanti mhux biss għall-Misidjani imma għall-Maltin kollha, inħallu f'idejn min għandu rasu fuq għonqu biex jiddeċiedi.

U issa t-Tourist Board! X'qatt sar biex l-Imsida, ċentru neċessarju u frekwentat minn kulħadd f'kull ħin tal-ġurnata u tal-lejl, tkun attraenti u tiġbdek? Jista' t-turist li jiġi Malta ma jgħaddix għal mijiet ta' drabi minn pajjiżna? U hawn hu s-suġġeriment tagħna: meta t-Tourist Board, li fi bliet u rħula oħra ħadem tant, meta ser jiddeċiedi li jdawwal bil-floodlights il-faċċata importanti tal-Knisja tagħna? Żgur li l-pożizzjoni prominenti li tgawdi l-Knisja tagħna ma tgawdiha l-ebda Knisja oħra f'Malta. Knisja b'faċċata sabiħa, elevata fuq zuntier għoli, bi triq wiesgħa ħafna kemm tara b'għajnejk quddiema, maqtugħa mill-bini ta' madwarha b'żewġ toroq laterali, u fl-aħħarnett f'ċentru ta' traffiku ewlieni! Xejn ma jonqos ħlief li narawha tiddi fid-dalma tal-lejl b'dawl magħmul bis-sengħa bħal ma sar fil-Furjana — nafu tajjeb li fit-Tourist Board hemm nies kapaċi li jagħmlu suċċess minn idea bħal din. U la qegħdin insemmu d-dawl u l-floodlights: xi ngħidu kieku bħal ma jinxtegħlu postijiet pubbliċi oħra f'Malta, jinxtegħlu wkoll l-Isptar St. Luke's u l-Politekniku? Min għadda xi darba bil-lejl minn ħdejn il-fabbrika ta' Farsons, jaf x'impressjoni tħallilek mixgħula — impressjoni li ma tinsiha qatt. Imbagħad tgħaddi mill-Imsida, tħares madwarek u ssib ruħek midfun minn dawn iż-żewġ blokki bini li fid-dlam qishom il-ġwienaħ tal-waħx: jekk l-Isptar St. Luke ikun mixgħul, ikun jitgawda anki mili barra mill-port il-kbir.

Għal-lum nieqfu hawn — biħsiebna 'l quddiem inkomplu naħdmu minn fuq dawn il-kolonni, biex l-Imsida tiġi mogħtija minn **kull min hu responsabbli** l-importanza li jixirqilha. L-iskop tagħna, nerġgħu ntennuh, mhux li nikkritikaw u naħlu żżmien, imma li ngħinu biex l-Imsida tmur il-quddiem.

**SHELL FILLING STATION**
(Prop. J. Pace & Sons)
**MENQA SQUARE - MSIDA**
Telephone: Sliema 2745




LESA

**BATTERY & MAINS TAPE RECORDERS**



**THE BEST MONEY CAN BUY**

Sole Agents:

20TH CENTURY SALES & SERVICE

**84, ST. JOHN STREET**

**VALLETTA**

Dial 21873

# L-IMSIDA FL-IMGĦODDI

Minn LINO BARTOLO

*(jissokta mill-ħarġa l-oħra)*

*(jissokta)*

## L-istorja tal-lum

### IL-ĦARES

Ix-xniegħa li Dovik kien qiegħed jara l-ħares ġriet mar-raħal kollu.

"Imma x'qiegħed tara sew, zi?" staqsieh in-neputi darba minnhom.

"Irjus kbar ta' kull għamla l-ħin kollu jidħku".

"Qatt ma kellmuk, zi?"

"Le, imma dejjem nisma' bħal ċekċik ta' landi. Issabiħa hi li narahom għand il-ġar tiegħi, u hu qatt ma ra xejn".

"U fejn tarahom?"

"Fil-bitħa".

"Fil-bitħa?" In - neputi kompla: "Imma żgur li hemm xi misteru. Tridx ingħidlek x'nagħmlu".

"Għidli", qallu Dovik ansjuż.

"Il-lejla niġi jien ħalli nara jekk narahomx", qallu n-neputi.

Dak in-nhar stess filgħaxija, Dovik u n-neputi kienu qegħdin fil-loġġa. Ftit wara li daqqu t-tmienja, minn wara l-ħajt tal-bitħa dehru ħafna rjus kbar jitbandlu.

"Hemm arahom!" għajjat Dovik; u mal-għajta raġel tela' mal-ħajt. Kien Toni, il-ġar.

"Ġralek xi ħaġa, Dovik?" staqsieh Toni.

"Il-ħares", temtem Dovik, "qiegħed warajk!"

"X'ħares hu, ta' rasek? Jaqaw dan il-ħares li qed tara?"

Dovik għamillu iva b'rasu.

"X'ħares, ħares. Dawn maskri grotteski li qiegħed nagħmel għall-Karnival".

"Zi", qallu ftit wara n-neputi, "aħjar tmur tara tabib tal-għajnejn u tistrieħ ftit".

IZ-ZIJU EDDIF.


CYCLE STORE

78, RUE D'ARGENS

MSIDA

Prop. Joseph Cauchi

Phone Sliema 1967

Football Covers, Bladders

and accessories

Films for sale

Developed & Printed

*Electrical goods in stock*

OPEN ALL DAYS


# KOMPETIZZJONI TAL-MILIED



Fil-Milied li għadda, l-Editorial Board tagħna rnexxielu jorganizza kompetizzjoni għall-aħjar dekorazzjoni, fi spirtu nisrani, li tkun tidher minn barra. Għalkemm isem ir-rebbieħ diġà ġie pubblikat u l-premju mogħti lilu, hawn ser nippubblikaw iktar dettalji.

Ir-riżultat wera lil Mr. Cassano l-ewwel b'90 fil-mija; Mr. Sciberras it-tieni b'85 fil-mija; u Mr. Cachia t-tielet b'76 fil-mija. Il-ġurija kienet magħmula minn dawn is-sinjuri: Dun Ġużepp Mifsud Bonnici, B.A., Lic.D.; Dun Ġużepp M. Pace, B.A., Lic.D.; Miss Mary Gauci; Miss May Pantalleresco u Mr. Paul Camilleri.

Id-dekorazzjoni rebbieħa (li tidher fir-ritratt) kienet tikkonsisti fi presepju oriġinali twil 14-il pied, bejn it-tieqa u l-gallarija. Fuq il-lemin hemm il-Maġi taħt tliet arkati trilittiċi, fi stil Normann, biex juru maestà. Fin-nofs hemm il-figuri prinċipali, filwaqt li fuq ix-xellug, taħt arkata rustika, hemm ragħaj sejjer lejn il-grotta. Il-balavostri fil-ġenb ifissru s-swar tal-belt.

Ix-xogħol kien immuntat fuq wallboard bil-figuri maħduma tal-Jablite. Bil-lejl kien jinxtegħel permezz ta' spotlights moħbija, flimkien ma' tilar miksi bil-polithene aħmar u b'disinn tal-Milied fuq quddiem.

Nirringrazzjaw lil kull min ħa sehem, lil kull min għen, speċjalment lis-sinjuri tal-ġurija, u lid-ditta **20th Century Sales & Service ta' Triq San Ġwann, il-Belt,** li offriet il-premju ġeneruż li kien portable tape-recorder. Grazzi lil kulħadd.

# GĦALIKOM TFAL

"Lil din l-art ħelwa, l-omm li tatna isimha" — hekk jibda l-Innu Malti, innu li għandu jkun tant għażiż għal kull bniedem li jiftaħar li hu Malti. Imma, jaħasra! ħafna Maltin lanqas biss jagħarfuh dan l-innu meta jindaqq. Ħafna oħrajn jagħarfuh, imma jkomplu jagħmlu dak li jkunu bdew, qisu ma ġara xejn. It-tfal ikomplu jilagħbu, jgħajtu u anki jiġġieldu fil-waqt li jkun jindaqq jew jitkanta l-Innu Nazzjonali tagħna.

Kemm hi ħaġa li tħammarlek wiċċek meta tkun f'teatru jew post pubbliku ieħor u jispiċċa l-programm, naturalment bl-Innu Malti: waqt l-innu kulħadd jibda jilbes il-kowtijiet, jirranġa ħwejġu, jgħajjat lit-tfal, isellem lil ħbiebu, eċċ. Jagħtik li tistaqsi: "Dan poplu ċivilizzat?"

"U dan Dun Ġużepp biex ħolom il-lum!" qed nisma' lil xi ħadd minnkom jgħid. Proprju għax naf li ser tgħidu hekk, ktibtilkom dan; tkunux hekk tfal. Ħobbuh l-Innu tagħna, issa li qed titgħallmuh fl-iskejjel u tkantawh kuljum! Waqt l-Innu Malti serjetà u attenzjoni, mhux kliem u logħob. Nuru minn issa, tfal, li aħna kburin li aħna Maltin.

DUN ĠUŻEPP.

# PAĠNA LETTERARJA

## APPELL

DIN id-darba, għandna pjaċir ngħidu li l-Paġna Letterarja hija mżewqa b'kitba, proża u poeżija, ta' żgħażagħ Misidjani. Aħna nieħdu pjaċir b'dan u nħajru żgħażagħ oħra biex jimitawhom. Ibagħtulna l-kitba tagħkom u, sa fejn nistgħu, aħna nippruvaw nippubblikawha f'din il-paġna. B'hekk biss din il-paġna tkun paġna Misidjana.

## DAWL FIL-BOGĦOD

Kienet waslet is-siegħa ta' tmiem is-Sibt u twelid il-Hadd, u jien kont ninsab fuq soddti mitluf f'nagħsa ħelwa. Iżda f'daqqa waħda stenbaħt u tqallibt in-naħa l-oħra biex nerġa' norqod. Imma dak in-ngħas ħelu kien telaqni u qtajtha li nqum. U hekk għamilt: qomt, ftaħt it-tieqa u bdejt nittawwal biex ngħaddi ftit taż-żmien u nistenna li jaħkimni l-mistrieħ ħlejju, serħan ta' kull qalb għajjiena.

Bdejt inħares 'l hemm u 'l hawn, is-sema kien qisu star sewdieni mtaqqab b'toqob ċkejknin li minnhom ilmaħt dawl irqieq inemnem. Il-qamar kien issa wasal fil-quċċata ta' telgħetu u kien jinsab sewwa sew fuqi, jiddi b'dawl fiddieni. Ħarist quddiemi, lejn il-lemin, lejn ix-xellug: ħemda liema bħalha. Id-dalma kienet tostorli l-bini ta' quddiemi. Bdejt ingħir waqt li naħseb f'dawk in-nies li kienu jinsabu mitlufin finngħas li hekk ma riedx jaf bija. Issoktajt fil-ħarsa tiegħi lejn ix-xejn ta' quddiemi, iżda f'daqqa waħda bħal meta l-qamar ifeġġ minn wara xi sħaba u jdawwal is-sema sewdieni, hekk dawl safrani feġġ fil-bogħod minn ġo tieqa u laqatli għajnejja li kienu reġgħu bdew jingħalqu bil-għejja li kienet ħakmithom.

Iżda malajr reġgħu nfetħu u baqgħu mberrqin lejn dak id-dawl. Bqajt inħares, issummat; elf ħsieb għadda minn ġo moħħi X'qed iġiegħel lil dak id-dawl jixgħel f'dan il-ħin hekk imwiegħer? staqsejt lili nnifsi. U billi ma kelli lil ħadd min iweġibni, ippruvajt inwieġeb lili nnifsi. Forsi xi omm qed tipprova traqqad littarbija tagħha bit-tbandil ħelu tal-benniena; jew xi raġel daħal id-dar biex jistrieħ wara li dam jaħdem f'xogħol li min jaf kemm swielu għaraq u tiġrif; jew xi bniedem li wasal biex jieħu l-aħħar nifs ta' ħajtu wara li min jaf kemm ra fuq wiċċu tbatija u ħena. U dan l-aħħar ħsieb baqa' jdamdam ġo moħħi sakemm ma flaħtx naħseb iktar u għalhekk għalaqt it-tieqa u ntlift f'nagħsa ħelwa fuq soddti.

L-għada, billi dak il-ħsieb baqa' mnaqqax ġo moħħi, malli rajt lil ħabibi Bertu, staqsejtu x'kien dak li ġara. U bqajt mistagħġeb bittweġiba li tani. Dak id-dawl kienet xegħlitu s-Sinjura Roż li kienet qamet biex tkeċċi xi ftit dubbien li kien daħal ġo kamritha ma ħallihiex torqod bi żarżir tiegħu...

13. 1. 65.

PETER CORDIN

### LIL FRANS ZAMMIT

**Membru tal-Mużew ta' l-Imsida**

**F'jum it-tluq tiegħu lejn il-kunvent Salesjan f'tas-Sliema**

*Non possum reticere, deae, qua me Allius in re*
*Iuverit aut quantis iuverit officiis"......*

Kif għeb x'ħin inti regħ'dtu b'kemltek sħiħa
Il-ħjieni dbejjeb kbir heddied mixjietna!
Kif taru 'l fuq fix-xejn beżgħat imwietna
X'ħin sqejtna minn tal-maħfra l-għajn sabiħa!

Intbaħt li ruħi m'Alla kienet xħiħa
Għax rajtek tibni ħajt dehbien bejnietna,
U nftamt mill-qerq fiddien, imrar ħajjietna...
Hallejtni hekk bħal xitla għatxana u xiħa!

Int, ġilju jfewwaħ, l-għaxqa tal-ħolqien;
Int, warda niedja, debħa xierqa 'l Alla;
Magħżul, bħall-għasel bnin miġbur min-naħla;

Nitolbok, tinsa qatt il-wiċċ sogħbien
Li kemm-il darb'int ħlist mill-mewġ imqalla'.
Tinsiex flimkien kemm fraħna bl-għodwa kaħla...

Msida 7/2/65. ALBERT MARSHALL.

# IL-KELMA TAT-TABIB

## ID-DIETA

L-EWWEL ħarġa tal-ġurnal konna għidna xi ħaġa

...

ment differenti minn ta' da
li jaħdem fil-barriera.

L-ikel li wieħed jiekc
jiġi maħdum fil-ġisem ta
bniedem u minnu nakkwis
taw l-enerġija li hi meħtie
ġa biex wieħed jibqa' f'saħ
ħtu u jkun jista' jilħaq max
xogħol partikolari tiegħu.

Kull artikolu tad-dieta
bħalma hi l-patata, għaġi
frott, ħaxix, jagħti ammo
ta' enerġija differenti. D
hi l-iktar pont importan
ta' dan is-suġġett, għalie
b'hekk biss tista' tinber
d-dieta ta' l-individwu.

Biex nieħdu eżempju: i
dieta ta' wieħed skriva

INVICTA WORKS
MANUFACTURERS OF
MODERN TUBULAR FURNITURE
**INVICTA for your household and office needs**
*Be Proud* — Have Modern Furniture
*Be Wise* — Have INVICTA FURNITURE
**FLATS - HOSPITALS - SCHOOLS**
are modern only when
INVICTA FURNITURE IS USED

FREE!! Literatures and Brochures
on request.

*Factories and Head Office:*
Quarries Square, MSIDA 26651
*Showrooms:*
The Strand, SLIEMA 33827
Pietà Wharf, PIETA'.

**Visits Solicited Without Obligations**
**Buy the Best! Buy INVICTA FURNITURE**
**THE FURNITURE OF A LIFETIME**

# VARJETA'

Minn JAPVA

## DAWRA MAS-SEARCHERS

The Searchers telgħu fil-quċċata tal-lista popolari bl-ewwel diska tagħhom, *"Sweet for my sweet"*. Il-grupp ifforma ruħu xi tliet snin u nofs ilu.

*Chris Curtis* (drum u kantant) twieled ġo Oldham fis-26 ta' Awissu 1941. Hadem bħala skrivan qabel ma beda l-karriera tiegħu.

*Tony Jackson* (bass guitar u kantant) twieled ġo Liverpool fis-16 ta' Lulju 1940. Kien qed jitgħallem is-sengħa ta' l-elettriku u ta' fitter. Iħobb ħafna l-football.

*Michael Prendergast* (lead guitar u kantant), twieled ġo Liverpool fit-3 ta' Marzu 1942. Kien office-boy ma' kumpanija tal-madum. L-ambizzjoni oriġinali tiegħu kienet li jilgħab il-football għall-Everton.

*John McNall* (rhythm guitar u kantant), twieled ġo Liverpool fit-30 ta' Awissu 1941. John kien il-bniedem li waqqaf il-grupp.


COLOR PRINTS

ADOX
AGFA
FERRANIA
GEVAERT
KODAK
TELLKO

Developing
Printing
Enlarging

COLOR

SEVEN DAY SERVICE

FREE one enlargement 7" × 5" for every 12 prints ordered

ARTCOLOR STUDIOS
KINGSWAY PALACE — KINGSWAY — VALLETTA


## IL-FESTIVAL TA' SANREMO

MILJUNI ta' nies ġo l-Ewropa raw fuq it-television il-finali tal-ħmistax-il edizzjoni tal-Festival ta' San Remo mis-"Salone dei Festivals del Casino Municipale di San Remo", is-Sibt, 30 ta' Jannar.



BOBY SOLO

Għal dan il-festival, li jsir kull sena, kienu mistiedna ħafna kantanti popolari strangieri. Fosthom kien hemm Connie Francis, "The Minstrels" u "Les Surfs' 'mill-Amerika. Dusty Springfield, Petula Clarke, u Anita Harris mill-U.K. Kien hemm ukoll kantanta mill-Ġappun.

L-aħjar 12-il kanzunetta, magħżulin mill-24 semi-finalisti nstemgħu fil-finali. Għalkemm li standard deher li kien xi ftit baxx, ix-xogħol tal-kompożituri Taljani kien biżżejjed biex jieħdu l-mertu ta' l-applawsi ta' l-udjenza.

Il-kompożizzjoni ta' Mogol - Marchetti - Sarti *"Se piangi, se ridi"*, ħadet l-ewwel. Bobby Solo ta interpretazzjoni tajba ħafna li nistgħu nsejħulha eċċellenti. Il-grupp popolari Amerikan "The Minstrels" taw l-interpretazzjoni l-oħra tal-kanzunetta rebbieħa.

Dan kien suċċess għal Bobby Solo li kien id-debuttant fil-festival ta' San Remo tas-sena l-oħra. Huwa tela' fil-quċċata bid-diska *"Una lacrima sul viso"* ta' Mogol - Lunero. Isem Bobby Solo huwa proprjament Roberto Satti, u hekk tinduna li kellu sehem fil-komponiment tal-kanzunetta rebbieħa.

Bobby, li għandu 19-il sena, twieled ġewwa l-belt kapitali ta' l-Italja, li hija Ruma.

## Nieħdu Hsieb l-Għaqdiet

Minn L. B.

Hija ħaġa sabiħa li jkollok knisja sabiħa u mżejna kif inhu xieraq bħalma għandna aħna l-Misidjani, għalkemm għad baqa' ħafna x'isir. Imma hemm ħwejjeġ oħra aktar importanti li jagħtu ferm iżjed dehra sabiħa, ħajja u spiritwali lill-knisja tagħna.

Irridu u ma rridux ikollna nammettu li numru mhux ħażin ta' tfal ta' beltna, l-Imsida, huma tista' tgħid mitlufa, u l-uniku mezz biex nibdlulhom it-triq li qegħdin fiha huma l-għaqdiet kattoliċi tagħna. Għalkemm għall-grazzja ta' Alla fil-Parroċċa tagħna l-għaqdiet huma abbundanti, irridu lil kulħadd li jgħin sabiex dawn l-istess għaqdiet jiksbu l-frott abbundanti li huma qegħdin jaħdmu għalih. Fuq kollox għandna nikkonċentraw fuq kif għandna niġbdu lit-tfal, jew liż-żgħażagħ. Ta' min jinnota li t-tfal li jinsabu mitlufa, dawn ma humiex ħlief ingannati, għax mingħajr tagħlim. Għalhekk naħdmu flimkien ilkoll biex b'mod jew ieħor, imma l-aktar prattiku, nirbħu lil dawn it-tfal, nagħmlu minnhom tfal kif irid Alla; fl-istess ħin inkunu qegħdin insaħħu l-għaqdiet tagħna, li huma l-veru knisja sabiħa u ħajja tal-Parroċċa tagħna: l-Imsida.


FIAT GUARANTEES
Safer Capital Investment
Improved Mechanical Efficiency
Greater Petrol Economy
*SEE ALL THE LATEST MODELS*
*Exhibited at*
THE NEW WALDORF GARAGE —
FIAT SERVICE STATION — PIETA'
and
FIAT SHOWROOMS at
MSIDA VALLEY ROAD, B'KARA
Fiat Agency: U.C.I.M. Co., (Malta) Limited
206/207, Marina Street, Pieta' (Phone 25362)

# SPORTS

Minn CHARLIE CASHA

## AKWISTAJNA KAŻIN U TLIFNA L-INTERESS

IL-KUMITAT ħabrieki tas-St. Joseph irnexxielu wara ħafna taħbit jakkwista post f'D'Argens Road għall-każin biex aħna l-Misidjani nkunu nistgħu ngħidu bħal ħafna teamijiet tal-M.F.A., li għandna l-każin tagħna; imma min-naħa l-oħra, ħafna mill-players li irreġistraw mas-Saints, li l-biċċa l-kbira minnhom huma tat-3rd Division, tilfu ħafna mill-interess; infatti ħafna naqsu li jirrapportaw għat-training f'ħafna okkażjonijiet.

F'din il-paġna ssibu r-rapport taż-żewġ logħbiet li t-team tas-St. Joseph lagħab kontra Naxxar Lions u Żebbuġ Rangers li minnhom irnexxielu jiġbor tliet punti. It-team lagħab ukoll kontra ż-Żurrieq u l-Mosta, li tlifnihom it-tnejn b'li score ta' 1—0 u 2—0 rispettivament; imma minħabba nuqqas ta' spazju ser ikollna nħallu barra dawn iż-żewġ logħbiet.

*St. Joseph F.C.* . . . . . 2
*Naxxar L.* . . . . . . . . 1

It-team tas-St. Joseph għamel pass ieħor 'il quddiem meta għeleb lit-team tan-Naxxar 2—1. Demarco fetaħ li score fis-27 minuta wara li Agius u Cutajar tefgħu barra żewġ headers fit-23 u fil-25 minuta rispettivament. Ftit wara dan il-goal, in-Naxxar ġiebu li score indaqs meta Church xeħet il-ballun b'idu fix-xibka Misidjana; il-players Misidjani ipprotestaw bil-qawwa kollha, imma r-referee Farrugia ma tax każ tal-protesta u ħalla li score bħala goal.

Il-Misidjani ibbumbardaw lil-Lions it-tieni half kollu, u fis-sitt minuta ġiebu l-goal tar-rebħa meta Mizzi għeleb lil-goalkeeper Zarb b'xott sabiħ; is-Saints kompelw fuq l-attakk u Demarco kien ser jerġa' jiskorja, imma l-half-back Borg salva fil-ħin. Fl-20 minuta r-referee kompla juri li ma ħax grazzja mal-Misidjani meta naqas li jagħti penalty wara li Farrugia mess il-ballun b'idu fil-penalty area.

Kif lagħbu:

Mizzi; Gatt, Betts; Eilul, Betts, Axiaq; Demarco, Mizzi, Agius, Cutajar, Pace.

*St. Joseph* . . . . . . . . 2
*Zebbug R.* . . . . . . . . 0

Għalkemm it-team taż-Żebbuġ niżel għal din il-logħba b'ħafna players tal-Minors offra reżistenza qawwija, u Edwards fil-lasti taż-Żebbuġ għamel ħafna saves diffiċli fuq xottijiet tal-forwards Misidjani. Ixxorti għenet liż-Żebbuġin meta kanunata ta' Demarco ħabtet mal-crossbar bil-ballun imur barra.

Fit-tieni half il-Misidjani komplew jattakkaw, u *Paris* mill-viċin tefa' l-ballun fix-xibka minn cross ta' Agius. Tliet minuti qabel it-tmiem Agius reġa' skorja għall-Misidjani minn free-kick mogħti minn Johnnie Gatt. Charlie Betts (Żebbuġ) lagħab kontra pajjiżu u t-tliet ħutu f'din il-partita.

Kif lagħbu:

Sammut; Gatt, T. Betts; Mizzi, L. Betts, Axiak; Demarco, Cutajar, Agius, Paris, G. Betts.

### KIF JINSABU

Din hija l-pożizzjoni tat-3rd Division u Minor Teams ta' l-Imsida sa issa:—

### 3RD DIVISION LEAGUE:

| | P. | W. | D. | L. | F. | A. | Pts. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Mosta | 10 | 9 | 1 | 0 | 17 | 5 | 19 |
| Senglea | 10 | 5 | 3 | 2 | 10 | 6 | 13 |
| St. Pat. | 10 | 4 | 2 | 4 | 13 | 10 | 11 |
| **St. Jos.** | **10** | **4** | **2** | **4** | **9** | **9** | **10** |
| Siggiewi | 10 | 5 | 0 | 5 | 16 | 17 | 10 |
| Balzan Y. | 9 | 2 | 5 | 2 | 3 | 2 | 9 |
| Nax. L. | 10 | 2 | 3 | 5 | 10 | 6 | 7 |
| Zurrieq | 9 | 1 | 4 | 4 | 5 | 10 | 5 |
| Zeb. R. | 9 | 1 | 1 | 7 | 6 | 14 | 3 |

### MINOR LEAGUE (SEC. C.)

| | P. | W. | D. | L. | F. | A. | Pts. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| St. Paul | 4 | 3 | 1 | 0 | 8 | 2 | 7 |
| **St. Joseph** | **4** | **2** | **1** | **1** | **5** | **3** | **5** |
| Senglea | 2 | 0 | 2 | 0 | 2 | 2 | 2 |
| Zurrieq | 2 | 1 | 0 | 1 | 1 | 2 | 2 |
| Balzan Y. | 3 | 0 | 0 | 3 | 2 | 6 | 0 |
| St. Johns | 1 | 0 | 0 | 1 | 0 | 3 | 0 |

*Teacher:* Aquilina, x'taf tgħidli fuq l-għorrief tas-seklu sittax?

*Tifel:* Huma kollha mejtin, Sir.

IZ-ZIJU EDDIE.

### Profil Nru. 2

## JOE SCIBERRAS



Joe beda l-karriera tiegħu għall-minor team tas-St. Joseph fl-età ta' 14-il sena bħala Goalkeeper fl-istaġun 1956-57. Joe għamel id-debut tiegħu fit-3rd Division mat-team Misidjan kontra St. Venera u kienu rebħu 1—0. Fl-1960 Joe ipprova xortih band'oħra, u irreġistra mal-1st Division team tal-Valletta. Fl-ewwel staġun mat-team tal-Belt, Joe lagħab kważi l-logħbiet kollha fl-Under 21 League, u kien fit-team tal-Belt meta rebaħ il-League Championship ta' l-Under 21. Fl-istaġun ta' wara Joe irnexxielu jakkwista post fir-Reserves tal-1st Division li fl-istess staġun rebħu l-League Championship mingħajr ebda punt mitluf. Mat-team tal-Valletta Joe kien lagħab half-time fil-logħba Valetta vs. M.F.A.

Fl-istaġun 1962-63 Joe reġa' bidel fehmtu u talab ir-release lit-team tal-Belt, imma l-kumitat tal-Valletta ma qabilx ma' Joe, u ma riedx jagħti l-karti meħtieġa. U Joe kellu jikkuntenta li jagħmel staġun ma jilgħabx. F'dan l-istaġun Joe approfitta ruħu u lagħab ma' l-Amateurs team tal-Valletta Swifts; kien lagħab il-logħbiet kollha u ħa sehem ukoll fin-K.O. Competition li kienu telgħu final kontra l-Floriana Irish u rebħu b'li score ta' 2—0.

Fil-bidu ta' l-istaġun 1963-64 Joe reġa' talab ir-release lit-team tal-Valletta, li din id-darba rnexxielu jakkwista, u mill-ġdid reġa' ta l-firma tiegħu lis-St. Joseph Football Club. Beda dan l-istaġun bħala l-uniku Goalkeeper fit-team tat-3rd Div., meta wara ftit kellu jaqsam postu mal-Goalkeeper Sammut, li l-Misidjani kienu akkwistaw minn għand il-Gżira United wara li kien wera fehmtu li jemigra lejn l-Awstralja.

Fis-27 ta' Diċembru, 1964, Joe kiteb paġna ġdida fil-ħajja tiegħu meta żżewweġ lis-Sinjurina Agnes Tanti.

Fit-12 ta' Frar Joe emigra mas-sinjura tiegħu lejn l-Awstralja fejn hemm bi-ħsiebu jilgħab mat-team Pegasus F.C. Jiena għannom tiegħi u tal-Board Editorjali tal-gazzetta "L-Imsida", nawguralu suċċess fil-ħajja sportiva u hena fil-ħajja privata.


SAVOY GARAGE

(Props. J. Pace & Sons)

*Private Buses, Cars and Volkswagens for Hire Service at Moderate Prices.*

**246-250, D'ARGENS ROAD GZIRA**
**and**
**SLIEMA ROAD, GZIRA**
(opposite Marshall Court)
**Phone: Sliema 31332**
DAY AND NIGHT SERVICE

